Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima

Appell Nru: 379 / 2017

Il-Pulizja

Spettur Trevor Micallef

Vs

George Baldacchino

Illum 31 ta' Jannar, 2018,

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant George Baldacchino detenur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 478365 M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Fil-11 ta' Mejju, 2005, ghall-habta ta' 3.40p.m., fi Triq Sant' Andrija, Swieqi saq vettura Nru, LGY 280 u b' nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b' nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni jew b' nuqqas ta' tharis tar-regolamenti ikkaguna offizi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Veronica Muscat skond kif iccertifika Dr. Chris Spiteri M.d. (Reg. 2770) u Dr. Donhem Nabil M.D. (Reg. 9804) ta' S. L. H.

Talli rrenda ruhu recediv ai termini tal-Artikolu 49 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Il-prosekuzzjoni talbet li jigi skwalifikat mill-licenzji kollha tieghu tas-sewqan.

Rat in-nota ta' rinviju tal-Avukat Generali datata ghoxrin (20) ta' Lulju elfejn u hmistax (2015) li biha hass li ghandha tinstab htija taht is-segwenti artikoli:-

- Fl-Artikoli 225 u 226 (1) (a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

- Fl-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

- Fl-Artikoli 17, 31, 532 A, u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex f' kaz ta' htija, minbarra li tinfliggi l-piena stabbilita' skont il-ligi, joghgobha tordna l-iskwalifika ta' kull licenzja tas-sewqan.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, ta' nhar il-25 ta' Settembru, 2017, fejn il-Qorti wara li rat l-Artikoli 17, 21, 49, 50, 218, 226 (1) (a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta sabet lill-imputat **George Baldacchino** hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih u ikkundannatu ghall-multa ta' erbat elef u hames mitt Ewro (€4,500) filwaqt li a bazi tal-Artikolu 532 A, 532 B u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ikkundannatu ukoll sabiex ihallas is-somma ta' mitejn u wiehed u ghoxrin ewro u wiehed u tletin centezmu (€ 221.31) bhala spejjez peritali nominati f' dawn il-proceduri.

Rat ir-rikors tal-appell ta' George Baldacchino, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fl-4 t' Ottubru, 2017, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti **joghġobha tilqa` dan l-appell billi tirriforma s-sentenza appellata fl-ismijiet premessi billi thassarha, tirrevokaha u tannulla s-sentenza appellata f' dik il-parti fejn sabitu hati tal-akkuża dedotta kontra tieghu u minflok tilliberah minn kull imputazzjoni, htija u piena.**

**Subordinament, u minghajr preġudizzju ghall-ewwel talba kif dedotta, l-appellanti jitlob umilment lil din l-Onorabbli Qorti joghġobha, f' każ li ma tilqax l-ewwel talba tieghu, tirriforma s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bhala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, fl-ismijiet <u>Il-Pulizija (Spettur Trevor Micallef) v.</u>**

**<u>George Baldacchino</u>, datata hamsa u ghoxrin (25) ta' Settembru tas-sena elfejn u sbatax (2017) u b' hekk thassar, tirrevoka u tannulla l-istess sentenza in kwantu kkundannat lill-appellanti multa ta' erbat elef u hames mitt Euro (€4,500), u timmodifika konsegwentement l-istess sentenza appellata, limitatament in kwantu ghall-piena, billi tirrevoka l-piena nflitta u minflok tinfliggi piena alternattiva aktar miti u idoneja għaċ-ċirkostanzi.**

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellanti huma ċari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti, u cioe`:

**A. L-Ewwel Qorti ghamlet aprezzament, b' kull rispett, ghal kollox żbaljat tal-evidenza mressqa quddiemha.**

1. L-esponenti jistqarr li ma ghandu ebda kontestazzjoni ' lli fid-data, lok u hin in kwistjoni, sehh l-inċident mertu tal-proċeduri odjerni. Huwa jaqbel ukoll mal-Ewwel Qorti li l-każ in kwistjoni *"huwa kaz jekk l-imputat kellux a proper lookout qabel l-incident"*. L-appellanti pero' jhossu aggravat mill-konklużjoni tal-Ewwel Qorti ' lli huwa *"seta' jinduna bil-vittma qabel ma' sehh l-incident"*; u dan ghaliex lanqas bl-ghola grad ta' vigilanza dan ma kien possibbli.

2. Jirriżulta nkontestat mid-depożizzjoni tal-Ispettur Nikolai Sant illi Veronica Muscat kellha alternattivi ferm aktar siguri minn fejn taqsam it-triq in kwistjoni; <u>ftit metri</u> aktar ' l isfel minn fejn effettivament sehh l-inċident, jispjega l-Ispettur Sant, kien hemm filfatt it-*traffic lights* appożiti – l-Ewwel Qorti, avolja mhux fis-sentenza appellate, sahansitra rrimarkat li kien hemm

żewġ settijiet ta' *traffic lights* fil-viċinanzi. Anke filfatt l-Ewwel Qorti rrimarkat li Veronica Muscat *"kienet negligenti ghaliex kienet qed taqsam minn triq pjuttost traffikuza"*.

3. Lanqas ma huwa kontestat li t-triq in kwistjoni hija wahda kif deskritta mill-Ewwel Qorti *"dritta u vizibbli"*. Hija filfatt l-umili sottomissjoni tal-appellanti ' lli dan il-fatt, minflok wassal lill-Ewwel Qorti ghall-konklużjoni li l-imputat kellu jara lill-Veronica Muscat *"meta kienet f' nofs ta' triq tistenna biex taqsam"*, kellu biss jimmilita favur l-imputat, partikolarment meta dan isostni li *"minnufih fegget mara harget minn quddiem il-Jeep u gibdet ghan-naha tieghi. Kienet mifxula hafna, thares l-isfel … lili lanqas ratni, ibbrejkjajt u lqattha"*. Filfatt, huwa żball fil-kunsiderazzjonijiet tal-Ewwel Qorti ' lli Veronica Muscat *"kienet f' nofs ta' triq tistenna biex taqsam"*.

4. Muscat filfatt qasmet l-ewwel żewġ karreġġjati ta' Triq Sant' Andrija (dawk direzzjoni lejn Bahar iċ-Ċaghaq) waqfet fin-nofs, sakemm ix-xhud Charlene Ciantar (li kienet ġejja fil-karreġġjata ta' barra direzzjoni lejn Paceville) waqfitilha biex din tkun tista' taqsam – *"waqaft ghax diga kienent qieghda fit-triq"*. Muscat ma kenitx f' nofs it-triq tistenna biex taqsam Huwa ferm rilveanti l-punt li l-Ewwel Qorti naqset milli tikkunsidra, u ċioe dak illi l-vettura misjuqa minn Charlene Ciantar kienent Land Rover Discovery 300, u ċioe' wahda mill-akbar vetturi tat-tip *private vehicle*, fis-suq. Hija minn quddiem din il-vettura li Veronica Muscat qasmet imbaghad ghal fuq il-karreġġjata li fuqha kien qieghed isuq l-appellanti; <u>id-daqs tal-vettura misjuqa minn Charlene Ciantar qatt ma seta' jippermetti lill-appellanti jara jekk quddiemha kienx qieghed jaqsam xi hadd</u>; huwa faċilment deżumibbli ghal kull utent ta' din it-triq li vettura tista' tkun wieqfa fil-karreġġjata ta' barra sabiex tikser ghal wahda miż-żewġ *fuel stations* sitwiti hemmhekk stess. Wiehed ikun qieghed jaqa' f' konklużjoni gratuita malli jikkonkludi li vettua wieqfa f' din it-triq hija neċessarjament hekk wieqfa sabiex tippermetti lil xi hadd jaqsma minn quddiemha.

5. Din l-Onorabbli Qorti hija wkoll mistiedna tistharreġ kif il-verżjoni tal-appellanti qatt ma nbidlet: dik li hu forna lill-Ewwel Qorti tikkombaċja perfettament ma' dik moghtija lill-Pulizija Eżekuttiva *a tempo vergine* u li setghet tiġi korroborata mill-passiġġier tal-appellanti kieku l-Pulizija Eżekuttiva hadet il-verżjoni tieghu hekk kif sehh l-inċident. Huwa inoltre palezi li l-appellanti f' ebda hin ma saq b' veloċita' eċċessiva jew in kontravvenzjoni ta' xi regolament tat-traffiku; kieku dan kien il-każ, ċertament Veronica Muscat ma kienitx tittajjar ghal madwar żewġ metri.

6. Fid-dawl tas-suespost hija l-umili sottomissjoni tal-appellanti ' lli l-ewwel Qorti ma setghet qatt waslet ghall-konklużjoni li l-appellanti seta' jara *"what is in plain view"*, u dan ghaliex Veronica Muscat ma kenitx *in plain view* iżda qasmet il-karreġġjata tal-appellanti minghajr ma rat kienux ġejjin vetturi, u dan wara li x' aktarx assumiet li l-vettura ta' Charlene Ciantar kienent l-uniku wahda li kellha bżonn tefqilah biex taqsam. L-appellanti qatt u qatt ma seta' ġie mistenni jara lil Veronica Muscat. (Il-Pulizija v. Roderick Debattista, Qorti tal-Appell kriminali, 26 ta' Mejju 2004)

7. Huwa manifest li l-akkadut sehh unikament sforz in-nuqqasijiet ta' Veronica Muscat li holqot *sudden emergency* ghall-appellanti. L-atti tal-kawża odjerna, umilment, kollha juru li d-difiża tas-*sudden emergency* f' dan il-każ, kellha tiġi akkolta mill-Ewwel Qorti. Ta' apprendiment partikolari f' dan ir-rispett hija s-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tat-22 ta' Novembru 2007 fl-ismijiet Il-Pulizija v. Robert Brincat fejn ġie insenjat is-segwenti:

*"Gie ukoll ritenut li: "Driver ghandu juza d-diligenza kollha biex jevita pedestrian li jaqsam it-triq, anki jekk il-pedestrian jaqsam negligentement u ghalhekk ghandu jigi ritenut responsabbli jekk ikun naqas minn xi dmir tieghu b' mod li jkun pogga ruhu f' pozizzjoni li ma setax jevita l-investiment tal- pedestrian. Il-kaz li fih driver jista' jkun ezentat mir-*

*responsabbilita' hu dak biss fejn il-pedestrian b' xi att inaspettat u subitaneu jew xort' ohra b' xi ghemil tieghu ikun qieghed lid-driver f' pozizzjoni li anki bl-uzu tad-diligenza mehtiega dan ma setax assolutament jevita l-investiment." (App. Krim. "Il-Pulizija vs. DPC 347 Carmel Mifsud" [26.6.1954] Kollez. Vol. XXXVIII, p.iv. p.859)*

*Mill-banda l-ohra gie ukoll ritenut li :- "Il-pedestrian ghandu certament drittijiet fic-cirkolazzjoni tat-traffiku imma ghandu ukoll l-obbligi. Jekk il-pedestrian ikun qieghed ruhu f' post fejn mhux suppost ikun, u driver li jkun qed isuq karozza b' mod regolari jsib ruhu f' pozizzjoini ta' emergenza subitanea minnhabba fih , dak id-driver ma ghandux jigi ritenut hati ta' sewqan perikoluz u tal-konsegwenzi li jista' jsofri dak il-pedestrian." (App. Krim. "Il-Pulizija vs. Alfred Caruana" [14.5.1955]; Kollez. Vol. XXXIX, p.iv p.1031).*

*"Huwa veru li anki l-pedestrian ghandu d-doveri tieghu fit- traffiku stradali imma biex id-driver ta' karozza li jinvesti pedestrian u jikkagunalu offizi fuq il-persuna tieghu jista' jiskolpa ruhu, jehtieg li jirrizulta li l-kawza unika u determinanti tal-investiment kienet tikkonsisti fil-komportament imprudenti tal-pedestrian li gie milqut u ma tistax tigi nvokata mid-driver l-iskriminanti tal-emergenza subitanea meta tirrikori l-kolpa tal-awtista li tkun impedietu milli jevita l-konsegwenzi tal-emergenza. Il-konducenti ta' vetturi ma ghandhomx jipprezumu normalita' perfetta ta' komportament tal-pedestrian imma ghandhom dejjem jivvalutaw tajjeb il-kontingenzi stradali w jirregolaw il-velocita' taghhom b' margini sufficienti ta' sikuezza." (App. Krim. "Il-Pulizija vs. George Muscat" [6.5.1961] Kollez. Vol. XLV p.iv. 947)*

*Gie ukoll ritenut li "ghalkemm il-pedestrian ghandu dritt li jkun fil-karreggjata biex jaqsam, certament ghandu ukoll id-dover li juza prudenza*

*biex jaqsam.." "Jekk il- pedestrian ikun negligenti pero' , dan ma jassolvix lid- driver tal-car milli juza dak il-grad ta' ' reasonable care' li tinhtieg. Dana kollu jinghid dejjem sakemm ma tkunx giet mill-pedestrian krejata lid-driver, bl-imprudenza tieghu, emergenza subitanea imprevedibbli, li rrendiet impossibbli, jew mhux ragionevolment possibbli, azzjoni tempestiva evaziva." (App. Krim. "Il-Pulizija vs. J. Formosa" Kollez. XLIII, p.iv. p.1023).*

*F' sentenzi ohra mbaghad gew elaborati sitwazzjonijiet fejn din l-emergenza subitanea tavverra ruha ; eg. "meta jaqsam f' daqqa u jissorprendi lill-konducent, jew jaghmel xi moviment insolitu u inaspettat" (App. Krim. "Il-Pulizija vs. J. Thornton" Kollezz. Vol. XLV p.iv. p.920) jew meta pedestrian jinzel inaspettatament minn fuq il-bankina, jew li jaqsam jew jitfaccja ghall-gharrieda minn wara xi car iehor, jew li johrog minn xi kurva fit-triq, jew li jitfaccja ghall-gharrieda u inaspettatament quddiem il-karozza. (App. Krim. "Il-Pulizija vs. Cassar Desain" Kollez. Vol. XLVI . p.iv. p.765).*

*Il-Corte di Cassazione Taljana , meta inkassat sentenza tal-Corte d' Appello di Bologna stabiliet li f' kazijiet ta' investiment ta' pedestrian jista' tirrizulta it-tort esklussiv tal-pedestrian meta jikkonkorru is-segwenti kondizzjonijiet :-*

*a) "che il-conducente , per motivi estranei a ogni suo obbligo di diligenza, sia venuto a trovarsi nella oggettiva impossibilita' di avvistara il pedone e di osservarne tempestivamente i movimenti;*

*b) che i movimenti del pedone siano cosi' rapidi e inattesi da farlo convergere all' improvviso sulla traiettoria del veicolo;*

*c) che nessuna infrazione delle norme di circolazione o di comune prudenza*

*sia riscontrabile nel comportamento del conducente*."" (sottolinear tal-appellanti)

8. Hija l-umili sottomissjoni tal-appellanti ' lli qari akkurat tal-atti ghandu jwassal lil din l-Onorabbli Qorti tikkonkludi, diversement mill-Ewwel Qorti qabilha u ċioe' ' lli, fuq bilanċ ta' probabiltajiet l-appellanti ghandu jkun ezentat mir-responsabbilita' minhabba l-att inaspettat u subitaneu ta' Veronica Muscat li qieghed lil-appellanti f' pożizzjoni li anki bl-użu tal-iprem diligenza mehtieġa ma setax assolutament jevita l-investiment. Huwa aċċettat li Veronica Muscat qieghdet ruhha f' post fejn mhux suppost kienet biex l-appellanti sab ruhu f' pożizzjoini ta' emerġenza subitanea minnhabba fiha. L-imprevvedibilita' tal-azzjoni ta' Veronica Muscat irrendiet ghal kollox impossibbli azzjoni tempestiva evażiva. Huwa llum paċifiku f' sede kriminali kull sewwieq iwieġeb ghall-aġir tieghu indipendentement minn dak li jaghmel haddiehor, ammenoche' dak li jiġri ma jkunx dovut unikament u esklużivament ghal xi tort da parti tal-pedestrian kif proprju ġara fil-każ odjern.

**B. Illi l-piena nflitta mill-Ewwel Qorti hija wahda eċċessiva u sproporzjonata.**

1. Dan l-aggravju qieghed jiġi sollevat in linea sussidjarja u minghajr hsara ghall-ewwl aggravju.

2. Kif diversi drabi jiġi ritenut '*the punishment must fit the crime*' u ghalhekk il-piena erogata mill-Ewwel Qorti hija wahda eċċessiva u ma hija bl-ebda mod riflessa fiċ-ċirkostanzi kumplessivi tal-każ odjern. Harsa lejn kawżi konsimili ghal dawk odjerni jixhdu sproporzjon fil-piena li solitament tiġi erogata u dik

inflitta f' din il-kawża. Dan ghalhekk imur kontra *sentencing policies* illi l-Qrati ta' Ġurisdizzjoni Kriminali taghna komunement jadottaw.

3. Jissemmew ad exemplum is-segwenti sentenzi: Qorti tal-Appell Kriminali, 3 ta' Marzu 2014, Appell Kriminali numru 288/2012, Il-Pulizija v. Carmel Camilleri; Qorti tal-Maġistrati (Malta) bhala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, 10 ta' Marzu 2014, Numru 1330/2011, Il-Pulizija v. Peter Mamo; Qorti tal-Maġistrati (Malta) bhala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, 18 ta' Ottubru 2013, Numru 112/2012, Il-Pulizija v. Raimondo Lauro; Qorti tal-Maġistrati (Malta) bhala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, 5 ta' Frar 2014, Numru 376/2011, Il-Pulizija v. Raymond Abdilla.

4. L-esponenti jaċċetta bi shih li in materja ta' piena l-prinċipju regolatur huwa li din il-Qorti mhux normali li tiddisturba d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti fl-ghoti tal-piena sakemm din ma tkunx tohroġ barra mil-limiti stipulati fil-Liġi u ma jkun hemm xejn x' jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun fil-fatt inghatat. L-appellanti filwaqt li jaċċetta wkoll il-fatt illi l-piena moghtija mill-Ewwel Qorti hi fil-parametri tal-Liġi, jissottometti umilment illi tali piena iżda hija wahda sproporzjonata meta wiehed ihares lejn l-aċċettazzjoni tal-Ewwel Qorti ' lli Veronica Muscat *"kienet negligenti ghaliex kienet qed taqsam minn triq pjuttost traffikuza"*.

5. Hija l-umili fehma tal-esponenti ' lli l-fatturi kollha hawn imsemmija ghandhom iwasslu lil din l-Onorabbli Qorti, f' każ li tikkonferma s-sejbien ta' htija tal-appellanti, ghal impożizzjoni ta' piena anqas harxa minn dik imposta mill-Ewwel Qorti.

Semghet lill-Avukat Generali jissolleva l-pregudizzjali dwar n-nullita tar-rikors ta'l-appell u dan ghaliex it-talba hija wahda kontradittorja fejn qed tigi mitluba ir-riforma u ir-revoka fl-istess nifs.

Illi preliminarjament l-Avukat Generali jissolleva il-pregudizzjali dwar in-nullita tar-rikors ta'l-appell u dan meta qed jintalab mill-appellanti kemm ir-revoka kif ukoll ir-riforma tad-decizjoni impunjata.

Illi t-talba fir-rikors ta'l-appell hija impostata bil-mod segwenti:

*"Ghaldaqstant l-appellanti filwaqt li jaghmel referenza ghas-sottomissjonijiet maghmula f'dan ir-rikors tal-appell u jirriserva li jaghmel sottomissjonijiet ulterjuri waqt it-trattazzjoni, jinterponi umli appell mis-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti tal-Gudikatura Kriminali, fl-ismijiet Il-Pulizija (Spettur Trevor Micallef) vs George Baldacchino datata hamsa u ghoxrin (25) ta' Settembru tas-sena elfejn u sbatax u jitlob umilment lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tilqa' dan l-appell billi tirriforma s-sentenza appellata fl-ismijiet premessi billi thassarha, tirrevokaha u tannulla s-sentenza appellata f'dik il-parti fejn sabitu hati tal-akkuza edotta contra tieghu u minflok tilliberah minn kull imputazzjoni, htija u piena.*

*Subordinatament, u minghajr pregudizzju ghall-ewwel talba kif dedotta, l-appellanti jitlob umilment lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha, f'kaz li ma tilqax l-ewwel talba tieghu, tirriforma s-sentenza tal-Qorti ta tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti tal-Gudikatura Kriminali, fl-ismijiet Il-Pulizija (Spettur Trevor Micallef) vs George Baldacchino datata hamsa u ghoxrin (25) ta' Settembru tas-sena elfejn u sbatax u b'hekk thassar, tirrevoka u tannulla l-istess sentenza in kwantu ikkundannat lill-appellanti multa ta' erbat elef u hames mitt ewro (€4500) u timmodifika konsegwentement l-istess sentenza appellata, limitatament in kwantu ghall-piena, billi tirrevoka l-piena inflitta u minflok tinfliggi piena alterattiva aktar miti u idonja ghac-cirkostanzi."*

Illi din il-Qorti mal-ewwel tistqarr illi id-dicitura tat-talba kif kontenuta fir-rikors ta'l-appell ma hija xejn felici bl-appellanti kull darba jirrepeti il-kliem 'riforma', 'thassir', 'revoka' u 'nullita' bhallikieku dawn jistghu jintuzaw 'il wahda flok l-ohra minghajr ma issir distinzjoni bejniethom. Dan wassal biex inholoq konfuzjoni shiha fit-talba b'hafna mil-kliem jigi ripetut qisu biex isir xi forma ta' enfasi akbar fuq dak li qed jintalab. Illi maghdud dan, madanakollu, ghalkemm huwa minnu allura illi l-appellanti qieghed jitlob fl-istess nifs ir-riforma kif ukoll ir-revoka tad-decizjoni

impunjata jidher illi din il-konfuzjoni fit-termini uzati inholqot ghaliex l-appellanti fl-ewwel lok qieghed jitlob ir-revoka tas-sentenza appellata *in toto* fejn allura qed tintalab il-liberatorja mil-htija, izda fin-nuqqas illi dan isehh allura qieghed jitlob b'mod subordinat, ir-riforma tad-decizjoni impunjata biss f'dik il-parti li tikkoncerna il-piena inflitta billi tinghata piena aktar miti.

Fil-fatt minn qari tar-rikors ta'l-appell jidher illi l-appellanti jaqsam ir-rikors tieghu f'zewg aggravvji ewlenin bl-ewwel wiehed jolqot il-mertu tal-kawza u allura fejn qed issir il-lanjanza diretta lejn l-apprezzament tal-provi maghmul mil-Ewwel Qorti u imbaghad jiddedika aggravvju shih ghan-natura tal-piena inflitta fuqu fejn jindika illi dan l-aggravvju qed jitressaq "in línea sussidjarja" u minghajr pregudizzju ghall-ewwel aggravvju dwar il-mertu.

Illi allura ghalkemm kif diga inghad huwa minnu illi l-kliem adoperat fit-talba huwa wiehed konfuzjonarju, madanakollu ma jistax jinghad illi dan b'xi mod qed ixekkel kemm lil din il-Qorti, kif ukoll lill-avversarju ta'l-appellanti u cioe' lill-Avukat Generali milli jifhmu il-binarji li fuqhom huwa impustat dan l-appell, u dak li qieghed jitlob l-appellanti huwa ben ovvju. Mhux biss izda fl-istess talba l-appellanti jispjega car u tond dak li qed jippretendi minn din il-Qorti meta iressaq it-talba tieghu ghar-revizjoni tad-decizjoni impunjata, u cioe' illi fl-ewwel lok jigi ikkunsidrat it-thassir in toto tad-decizjoni u sussidjarjament jekk din ma tintalaqax illi tigi ikkonfermata d-dikjarazzjoni tal-htija izda jkun hemm varjazzjoni fil-piena fit-termini spjegati sew minnu stess fil-korp tar-rikors.

Illi din il-Qorti diversament ippresjeduta dahlet *funditus* f'din il-kwistjoni fl-appell kriminali "Il-Pulizija vs. Joseph Galea [ 30.6.1995] ( Per V. De Gaetano J.) fejn gie ritenut li:-

**"minn ezami tal-gurisprudenza rigward in-nullita' ta' appell, il-Qorti ta' l-Appell Kriminali waslet ghas-segwenti konkluzzjonijiet :- (a) Bhala regola generali, l-artikolu 419 (1) , cioe' li r-rikors ghandu jkun fih it-talba ghat-thassir jew ghat-tibdil tas-sentenza , giet "very strictly and rigidly interpreted" - ("The Police vs. John Hill", Criminal Appeal, [23.9.1972] (b) ghalkemm il-ligi titkellem dwar talba ghat-thassir jew ghal tibdil, fil-prassi ta' din il-Qorti dejjem gie accettat, fil-**

**kazijiet li hekk jippermettu, li jkun hemm kemm talba ghat-thassir kif ukoll talba ghat-tibdil , PURCHE' LI DIN IT-TALBA TKUN SUBORDINATA GHALL-EWWEL WAHDA (emfasi ta' din il-Qorti). In fatti, anki jekk jintalab biss it-thassir, din il-Qorti tista' flok thassar ghal kollox is-sentenza u konsegwentement tillibera lill-appellant jew issib hati lill-appellat - skond min ikun appella - tilqa' l-appell in parti u tbiddel is-sentenza, per ezempju limitatament ghall-piena inflitta fuq l-appellant. Mill-banda l-ohra, jekk is-sentenza appellata tkun in parti sabet hati lill-appellant u in parti illiberatu minn xi akkuzi jew imputazzjonijiet, gie dejjem ritenut li jekk flok talba ghat-tibdil issir talba ghat-thassir, ir-rikors ikun null."[1]**

Illi fid-dawl tal-gurisprudenza fuq citata, ghandu jirrizulta illi fit-termini ta' dak dispost fl-artikolu 419(1)(c) tal-Kodici Kriminali ghandha tintalab ir-revoka **JEW** ir-riforma tad-decizjoni impunjata. Issa huwa indubitat illi id-decizjoni impunjata sabet reita' ghall-uniku akkuza dedotta kontra l-appellanti fejn allura aggravat minn din id-decizjoni huwa iressaq zewg lanjanzi subordinati ghal xulxin, l-ewwel wahda diretta lejn il-mertu, u l-ohra biss lejn il-piena inflitta fuqu.

Illi ghalkemm anke l-Qorti Kostituzzjonali[2] sahhqet fuq l-importanza li jigu osservati r-rekwiziti mehtiega ghal validita tar-rikors ta'l-appell, in-nuqqas ta' liema rekwiziti jimporta n-nullita ta'l-istess, madanakollu sahhqet illi meta mill-korp ta'l-appell, huwa evidenti x'inhuma dawk il-lanjanzi imqanqla mill-appellanti allura ic-cahda tas-smigh tal-appell mill-Qorti ta' revizjoni biss minhabba dan id-difett procedurali jista' iwassal ghal cahda ghal smigh xieraq ghal persuna akkuzata.

**"Il-htiega li fir-rikors tal-appell jigi indikat b'mod car u mill-ewwel jekk l-appellant hux qed jitlob ir-revoka tas-sentenza kollha kemm hi jew il-varjazzjoni taghha (u allura liema parti qed jitlob li tigi konfermata u liema mibdula) hija**

[1] ("Pul.vs. Anthony Zammit" ( [1.10.60], Vol. XLIV , iv. p.940); "Pul. vs. Richard Vincenti Kind" , App. Krim. [16.9.72]; "Pul. vs. Carmelo Agius" , App. Krim. [4.10.1972]. Illi sentenzi ohra li minnhom kienu jemergu dawn il-principji huma : "La Polizia vs. Ernesto Laiviera", [18.10.1930] ; Vol. XXVII , iv. P.829; "La Polizia vs Carmelo Carabott et." [8.11.1933], Vol. XXVIII, iv. P.205; Pulizija vs. Francis Saviour Zammit Cutajar , App.Krim. [23.1.1971]; Pulizija vs. Carmelo Farrugia et. App. Krim. [11.11.1976] ; Pulizija vs. Carmelo sive Lino Scicluna , App. Krim.[ 1.9.1977]; Pulizija vs. Victor Anthony Camilleri et ,[ 26.4.1985]; Pulizija vs. Anthony Zammit [1.10.1960] Vol. XLIV , iv. P.940 ; Pulizija vs. Richard Vincenti Kind , App. Krim. [16.9.1972] ; Pulizija vs. Carmelo Agius App. Krim. [14.10.1972]; Pulizija vs. Emmanuel Bonnici , App. Krim. [5.10.1990]; Pulizija vs. Joseph Desira [18.3.1972] ; Pulizija vs. Crusifix Buttigieg , [18.3.1972]; u Pulizija vs. John Vella Chritien App. Krim. [6. 5. 1972] u Il-Pulizija vs. Jesmond Farrugia [13.2.2001].

[2] Richard sive Rachela Spiteri et vs Avukat Generali deciza Q.K. 09/03/2010. Ara ukoll Norman Lowell vs Direttur Generali tal-Qrati tal-Gustizzja Kost.28/02/2011

**imposta biex jigi assigurat li l-kawza titpogga fuq il-binarju korrett mill-ewwel, cioe` mal-presentata tal-istess rikors, u li ma jsirux appelli bl-addocc, specjalment meta jkun hemm diversi imputazzjonijiet, ghas-semplici fini biex l-appellant jipprova, kif jghid il-Malti, "fejn laqat, laqat"! Il-paragrafi (a), (b) u (c) tas-subartikolu (1) tal-Artikolu 419 jipprovdu ghal mod organiku sabiex l-appelli, sia jekk isiru mill-persuna misjuba hatja u sia jekk isiru mill-Avukat Generali, ikunu jistghu jinstemghu bi speditezza. Huwa minnu li din id-disposizzjoni kienet introdotta fil-Kodici Kriminali fl-1900, meta l-kompetenza tal-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kienet testendi ghal reati li jkollhom piena ta' mhux aktar minn tlett xhur prigunerija (kien biss bl-Att XXIX tal-1940 li l-kompetenza ta' din il-Qorti bdiet, ftit ftit, tigi estiza); izda r-rekwiziti, taht piena ta' nullita`, tal-imsemmija tlett paragrafi huma aktar importanti llum meta persuni spiss ikunu akkuzati b'diversi akkuzi (u ta' aktar serjeta` milli setghu qatt kienu fl-1900) u allura spiss jigri li jinstabu hatja ta' xi whud minnhom u jigu liberati minn ohrajn, u ghalhekk ikun indispensabbli li mill-bidu nett jigi ccarat x'qed jitlob l-appellant."**

Issa f'dan il-kaz din id-diffikulta ma tistax tigi riskontrata la mill-Avukat Generali u lanqas mill-Qorti billi kif inghad l-appellanti qed iwiegeb ghall-imputazzjoni wahda u allura ma jistax fil-veru sens jintalab xi riforma hlief ghal dik li jirrigwarda l-piena fl-eventwalita illi is-sejbien ta' htija tigi ikkonfermata. Dan huwa imfisser ukoll car fil-korp tar-rikors ta'l-appell fejn l-appellanti jispjega fid-dettall l-aggravvji tieghu.

Ghal dawn il-motivi ghalhekk il-pregudizzjali sollevata mill-Avukat Generali qed tigi michuda u il-Qorti tordna il-prosegwiment tas-smigh ta'l-appell.

(ft) Edwina Grima LL.D

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur